MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 476/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anne Marie Micallef)**
**Vs**
**Joseph P. Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala s-sid jew impjegat ta’ l-istabbiliment bl-isem
Sofra Bar, f’Xatt l-Msida, Msida :
1. bi ksur ta’ l-art. 43(1) tal-Kap. 409 u bi ksur ta’ l-art. 16 tal-A.L. 175 ta’ 2004, fid-9 ta’ Lulju, 2009 u f’xhur qabel, opera jew ippermetta l-operazzjoni ta’ Sofra Bar, Xatt l-Msida, Msida (numru tal-Licenzja TL/S/109/93) bil-ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja kif mahruga mill-Awtorita’ peress li offra jew serva jew ippermetta li jigi offrut jew servut ikel bi hlas;

2. bi ksur ta’ l-art. 43(1)(b) tal-kap. 409 u bi ksur tar-regolamenti 15(1) u 23(1) ta’ l-A.L. 128 ta’ 2002 kif emendat, fid-9 ta’ Lulju, 2009, u f’xhur qabel, barra Sofra Bar, Xatt l-Msida, Msida, (numru tal-Licenzja Tl/S/109/93), pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet jew affarijiet ohra barra mill-ispazju (area) permessa mill-licenzja kif mahruga mill-Awtorita’;
3. bi ksur tar-regolament 21 tal-L.S 10.09 u bi ksur tar-regolament 4(4)(a) tal-L.S 409.08, qabbad operator biex imexxi l-attivita’ turistika jew impjega persuna ohra minfloku jew bhala rappresentant tieghu minghajr il-permessi ta’ l-Awtoritajiet necessarji.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
tad-9 ta’ Dicembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 43(1) u 43(1)(b) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 16 tal-Avviz Legali 175 tal-2004, ir-regolament 15(1) u 23(1) tal-Avviz Legali 138 tal-2007 u r-regolament 21 tal-L.S. 10/09 u r-regolament 4(4)(a) tal-L.S. 409/08, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu multa komplessiva ta’ elf mija w sitta w disghin Euro (€1196).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li l-appellant jigi dikjarat mhux hati w lliberat minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi, w minghajr pregudizzju, f’kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma s-segwenti :-
1. Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla, w dan stante li hija monka minn motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tinstab htija fl-appellant;

2. Illi filwaqt li l-appellant jirrikonoxxi li hija prassi li din il-Qorti li, kemm jista’ jkun ma tiddisturbax il-piena mposta mill-Ewwel Qorti, dan jghodd biss sakemm ma jkunx hemm xi cirkostanzi partikolari li l-Ewwel Qorti tkun naqset li tikkunsidra;

Illi l-akkuzi kif dedotti fil-konfront ta’ l-appellant jindikaw lill-appellant, “bhala sid jew impjegat” ta’ l-istabbiliment bl-isem Sofra Bar, f’Xatt l-Msida, Msida. Illi pero’ f’ebda stadju fil-proceduri ma jirrizulta li gie ppruvat li l- appellant huwa sid, jew impjegat fl-istabbiliment bl-isem Sofra Bar, f’Xatt l- Msida, Msida.

3. Illi effettivament, dan il-punt gie rilevat quddiem l-Ewwel Qorti fl-istadju tat-trattazzjoni orali mid-difiza, stante li ma tezisti l-ebda prova fil-konfront ta’ l-appellant li huwa sid jew impjegat ta’ l-istabbiliment referut, izda ghal xi raguni jew ohra ma jidhirx li l-Qorti tal-Magistrati tat l-importanza dovuta lil dan il-fatt;

4. Illi l-appellant gie a konjizzjoni taz-zjara ta’ l-ufficjali ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta ghat-Turizmu li saret fid-9 ta’ Lulju, 2009 sussegwentement, meta fil-fatt ircieva c-citazzjoni bl-imputazzjonijiet hawn dedotti, w qatt ma gie avzat formalment mill-Awtorita’ dwar din iz-zjara.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-4 ta’ Frar, 2010;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghas-smiegh tax-xhud John Gatt u l-verbali li bihom il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li ghandha tigi inserita fil-process kopja tal-verbal tas-seduta tal-20 t’ Ottubru, 2009, quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli, li suppost juri r-*res gestae* ta’ dakinhar u li suppost gie inserit a fol. 2;

Rat id-Digriet li bih din il-Qorti ordnat li fil-process tigi inserita kopja tal-*prime note* minnflok dik a fol. 2, liema kopja qed tigi enumerata Dok. 2A.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi f' din il-kawza jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**ANTHONY CUTAJAR** xehed li hu jirraprezenta d-Dipartiment tal-Infurzar tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu fejn hu *Senior Executive*. Fid-9 ta' Lulju, 2009, ghall-habta ta' xil-11.30am, kien mar fis-Sofra Bar, Xatt l-Imsida, Msida w sab li hemm kienu qed jippreparaw u jservu l-ikel. Kien hemm tnejn minn-nies qed jieklu w, waqt l-*inspection,* dahlu tnejn minn nies ohra jixtru l-ikel. L-istabbiliment ma ghandu ebda licenzja mill-Awtorita' tat-Turizmu biex jaghmel dan. Il-licenzja li ghandu hi biex iservi l-ispirti w s-*soft drinks*. Inoltre ghandu permess biex ipoggi siggijiet u mwejjed barra sa medda ta' 12.6 metri kwadri, mentri hu kien qed jokkupa 30 metru kwadru. Meta dahlu huma, sabu hemm lic-Chef certu Hasan Yilmaz li ken qed jiehu hsieb l-ikel wara l-*counter* u jservi l-ikel lin-nies bi hlas. Ix-xhud ha ritratti tal-ikel fic-*chest freezers* u tad-*displays* tal-ikel. Kien hemm impjegati ohrajn imma huma lil Yilmaz biss kellmu.

<u>Fil-kontro-ezami,</u> x-xhud qal li damu aktar minn nofs siegha waqt l-*inspection* ghax umbaghad ic-Chef cempel lill-operatur certu Ashdar Karador biex imur fil-hanut u huma qaghdu jistenneweh. Il-licenzja fid-9 ta' Lulju, 2009, kienet tghajjat lil Joseph Bonello. Lil dan kien kellmu wara u mhux fuq il-post. Kien ikkuntattjah u qallu bl-affarijiet. Bonello qallu biex johodlu d-dokumenti Hal Lija. Hu kien mar l-ufficcju tieghu w sabu maghluq. Rega' cempel lill-appellant u dan umbaghad eventwalment kien mar l-ufficcju tal-Awtorita' u ha d-dokumenti mill-ufficcju taghhom.

Ix-xhud zied jghid li kien ilu jsegwi dan il-kaz sa mill-2005 u f' diversi okkazzjonijiet kien qal lill-appellant x' ghandu jaghmel u dan baqa' ma sarx. Dak iz-zmien fuq il-kotba taghhom ma kienx jirrizulta li Karador kien l-operatur. Issa jirrizulta. Kien biss xi jumejn qabel ma kien qed jixhed ( fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2010) li mbidel l-isem tal-*licencee* u minnflok l-appellant gie registrat Karador.

**MICHELLE CAMILLERI,** Quality Assurance Executive mal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu, fid-Dipartiment tal-Infurzar, xehdet li fid-9 ta' Lulju, 2009, kienet akkompanjat lix-xhud precedenti Cutajar biex jaghmlu spezzjoni fis-Sofra Bar, Xatt l-Imsida, Msida. Hemm sabu lill-haddiema jippreparaw u jservu l-ikel bi hlas meta ma kellhom ebda licenzja biex jaghmlu dan. Kien hemm tnejn jieklu w dahlu tnejn ohra waqt l-*inspection* li ordnaw l-ikel u hallsu bl-ircevuta. Kien hemm *display* ta' hafna ikel varjat u huma hadu ritratti taghha. Huma kienu kejjlu l-ispazju okkupat mill-imwejjed u siggijiet fuq il-bankina w sabu li dan kien ta' 30 metru kwadru meta l-bar kien licenzjat biss ghal 12.6 metri kwadri.

<u>Fil-kontro-ezami</u> x-xhud qalet li kienu kellmu lic-Chef Hasan Yilmaz li cempel lil Ashdar Karadol li wara gie fil-hanut u qal li kien jaf li qed jopera minghajr licenzja tal-ikel.

**L-APPELLANT** ma xehedx ghax quddiem l-Ewwel Qorti kien ghazel li ma jixhidx.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza appellata hija nulla ghax hi monka minn motivazzjoni. Dan l-aggravju huwa infondat ghaliex fil-kawzi sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ma hux mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni partikolari jew dettaljata biex isehh is-sejbien ta' htija w l-eventwali kundanna. Ir-rekwiziti *"ad validitatem"* li trid il-ligi, taht piena ta' nullita', huma elenkati tassativament fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali w dawn gew kollha msemmija fis-sentenza appellata. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi fil-mertu, mill-provi fuq riprodotti jidher carissimu li kienet qed tinkiser il-ligi taht diversi aspetti w cioe' li kien qed jigi servut u mibjugh ikel bi hlas bla licenzja w li kien hemm siggijiet u mwejjed barra mill-ispazju permess mill-

licenzja mahruga mill-Awtorita'. Irrizulta wkoll li fil-waqt li l-*licencee* kien l-appellant, jidher li l-istabbiliment kien qed jigi *"de facto"* operat minn Hasan Karadol.

Il-kwistjoni li dwarha hemm kontestazzjoni hi: min kien responsabbli ghal dan il-ksur tal-ligi? L-appellant jargumenta li la hu ma kienx is-sid tal-istabbiliment jew impjegat ma jistax jinstab hati tar-reati kif dedotti kontra tieghu.

Illi l-artikolu 18 tal-Kap. 409 (L-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta) jiddisponi li hadd ma jista' jzomm jew imexxi stabbiliment li jipprovdi l-ikel jekk ma jkunx qabel akkwista w ma jkollux licenza dwaru.

L-artikolu 43 (1) (a) umbaghad jaghmilha reat li persuna tmexxi xi attivita' turistika jew tippermetti li xi attivita' turistika tigi mexxija minn jew fi proprjeta' li taghha tkun is-sid jew komproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita' li kieku kien fil-pussess ta' licenzja valida, minghajr ma jkun fil-pussess ta' licenza valida. W is-subartikolu (1)(b) jaghmilha reat li xi hadd, waqt li tkun fil-pussess ta' licenza valida, jonqos li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet applikabbli ta' dak l-Att jew xi kondizzjoni restrizzjoni, jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun soggetta l-licenza.

Issa f' dan il-kaz irrizulta ampjament li l-appellant kellu licenzja valida fuq ismu biex jopera bar pero' naqas li jhares id-dispozizzjoni tal-artikolu 18 li kienet tirrikjedi li jottjeni licenza biex jipprepara w ibiegh l-ikel u naqas ukoll li josserva r-restrizzjoni dwar iz-zona li seta' jokkupa bis-siggijiet w imwejjed fuq barra. Hawn il-ligi ma toqghodx tqis jekk il-*licencee* hux sid jew impjegat imma tippunixxi lil-*licencee* u lil hadd aktar ghan-nuqqasijiet bi ksur tal-art. 43 (1) (b).

Ghalhekk l-imputazzjonijiet kienu jkunu gew korrettement dedotti kontra tieghu bhala licencee, kieku gew fil-fatt hekk dedotti. Pero', fil-fatt, fic-citazzjoni gew dedotti kontra tieghu bhala "SID JEW IMPJEGAT". Issa mid-dokument rilaxxjat mill-istess Awtorita' w esebit fl-atti ghalkemm

jirrizulta li l-*licencee* hu l-appellant, *in calce* jghid li dan hu in rapprezentanza tas-socjeta' EJK Co. Ltd., li prezumibbilment hija s-sid tal-istabbiliment.

Pero' l-appellant ghandu ragun jghid li ma gie pruvat bl-ebda mod li hu huwa s-sid jew impjegat tal-istabbiliment, kif effettivament gie imharrek.

Ghalhekk jidher li hu gie mharrek f' vesti w kapacita' li ma jirrizultax li kellu. Fil-fehma tal-Qorti, ladarba hu gie hekk citat hazin, ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-ligijiet amministrattivi - hafna drabi abbozzati b' mod xejn car - huwa importantissimu li l-akkuzi jigu formulati b' mod preciz mill-prosekuzzjoni b' dan li jkunu jirriflettu d-dicitura tal-ligijiet, partikolarment dwar il-persuni responsabbli ghall-ksur tal-ligijiet u regolamenti involuti. F' dan il-kaz, ghalkemm l-appellant issolleva din id-difiza quddiem l-Ewwel Qorti, meta l-Prosekuzzjoni kienet ghadha ghat-tempo li titlob korrezzjoni fic-citazzjoni biex minnflok il-kliem *"bhala sid jew impjegat"* kienu jidhlu l-kliem *"bhala l-persuna bil-licenza"* , dan ghal xi raguni li taf hi baqghet ma ghamlitux u minnflok halliet il-kawza tigi deciza fuq binarju u kwalifika skorretta. Dan l-izball li gie inkorporat u riprodott fis-sentenza appellata ma jistax jigi korrrett f' dan l-istadju tal-appell.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------